ŻURRIEQ

## Kunsill LokaliŻurrieq

# Rapport Annwali Amministrattiv
# It-Tieni sena tad-disa leġislatura
# Kunsill Lokali

## Jannar, 2021- Marzu 2021

### *Tema: Għal Żurrieq Aħjar*

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sind[illegible] | [illegible] |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 10 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 11 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 16 |

Din hi l-ewwel sena tad-disa' leġislatura li kompliet ma dak li kien qed isir fil-ħames snin li għaddew.

Il-Kunsill kompla jinvesti l-maġġor parti tal-fondi tiegħu fuq tindif u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u manutenzjoni ta' bankini u manutenzjoni ta' tabelli u marki tat-toroq.Sar patching madwar iż-Żurrieq kollu, għalkemm l-ispiża ta' din is-sena tnaqqset minħabba li fis-sena li għaddiet saru diversi toroq b'wiċċ ġdid.

S'issa wettaqna kollox mingħajr il-bżonn li nirrikoru għal self mill-banek u mingħajr il-Kunsill m'għamel deficit.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtina l-liġi u wettaqna ħidma soċjali.
Saru ħafna xogħlijiet fl-ewwel parti ta' din is-sena 2021, tad-disa' leġislatura fosthom:

- aktar tindif ta' spiss u manutenzjoni lill-ġonna pubbliċi,
- sar iżejed xogħol ta' refresh ta' marki tat-toroq,
- twaħħlu bins u bankijiet ġodda madwar ir-raħal,
- sar aktar dawl fit-toroq
- manutenzjoni u żebgħa ta' bankijiet
- żbier ta' siġar wara li ntalbu l-permessi meħtieġa mill-ERA,
- tħawwil ta' ħafna siġar f'postijiet diversi, f'posthom f'Wied Fulija
- permess ta' ħafna laqgħat li saru, sar wiċċ ġdid fi Vjal Il-Blue Grotto, Sqaq Barcellona, Sqaq ta' B'Xejn, Triq il-Qortin, Triq il-Miżieb u issa inbeda x-xogħol ukoll fi Triq Wied Fulija
- tkompla x-xogħol ta' cables tal-Go Plc madwar iż-Żurrieq u insistejna biex l-manutenzjoni issir kif xieraq.
- Saret manutenzjoni fejn meħtieġ fl-akwata ta' Hal Millier
- Inbeda u wasal biex jispiċċa x-xogħol ta' restawr tal-kappella ta' Sant Andri
- Komplejna nirsistu biex jibda u jitkompla x-xogħol ta' restawr fuq it-torri tal-wardija.
- Għamilna żieda ta' kotba, u żewġ ipads biex jintużaw minn persuni neqsin mil-vista.
- Sar iffumukar ta' diversi postijiet fir-raħal wara laqgħat ma' Clean Malta
- Minħabba l-Covid 19 u fuq struzzjonijiet mid-dipartiment tas-saħħa pubblika, ma setgħux isiru attivitajiet u dawk maħsuba kellhom jiġu kkanċellati.
- ingħatat għajnuna biex l-injection kontra il-virus tal-Covid 19 issir ukoll fil-berġa tas-saħħa taż-Żurrieq biex tkun iżjed faċli għar-residenti li joħduha.

Irrid nagħlaq din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill, u nħeġġiġhom naħdmu flimkien għal Żurrieq isbaħ u aktar magħqud.

Rita Grima
Sindku
Arpil 2021

## 2.1 Il-Kunsill

Din il-leġislatura bdiet f'Lulju, 2019.
Kull Kunsillier għandu r-responsabilita ta' sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv li għalkemm hu ntitolat li jkollu erbgħa uffiċjali jassistuh, tnejn minnhom jaħdmu fuq bażi ta' reduced hours. Il-Kunsill Lokali żamm jaħdmu żewġ ħaddiema tal-IPSL u ħaddiem wieħed mill-Community Working Scheme. Minnbarra dawn il-Kunsill għandu numru ieħor ta' esperti bħal perit, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn.
Minn din is-sena il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ġie xolt u inħatar Kumitat ta' Bubaqra, minflok.

Il-Kunsillieri flimkien mal-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddijalilhom fi ħdanil-Kunsillhuma:

Sindku Rita Grima - IL-QASAM SOCJALI, L-INFRASTRUTTURA –BANKINI, PATCHING, MARKI U SINJALI TAT-TRAFFIKU, FINANZI, AMMINISTRAZZJONI, L-ANZJANI U PERSUNI B'DIZABILITA'

ViċiSindku -Ignatius Farrugia – L-INTEGRAZZJONI SOCJALI U GEMELLAGGI, L-INNOVAZZJONI

KunsillierMarisa D'Amato - IL-HARSIEN TAL-ANNIMALI, TURIZMU, MEDIA U ATTIVITAJIET PRINCIPALI

Kunsillier Tiffany Farrugia – KOMUNITAJIET (BUBAQRA) U PLANNING AUTHORITY

Kunsillier Kaydem Schembri - L-EDUKAZZJONI, FONDI TAL-UE, GAL XLOKK

Kunsillier Joseph D'Amato – KULTURA U PROGETTI U TOROQ GODDA LI SER JAGHMEL IL-GVERN

Kunsillier Kenneth Farrugia – L-AMBJENT U L-GONNA PUBBLICI, INDAFA

KunsillierKyle Mifsud - IZ-ZGHAZAGH U TFAL U ATTIVITAJIET PRINCIPALI

Kunsillier Dino Bonnici – SPORTS, ATTIVITA FIŻIKA

**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju
**Is-Sinjura Francesca Camilleri**: Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani
**Is-Sinjura Charmaine Atanasio**: Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi
**Is-Sinjura Maria Briffa Callus**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
**Is-Sinjura Sharon Bartolo**:Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħattal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Diċembru 2020 u l-31 ta' Marzu 2021 inżammu tliet laqgħat tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

| | Rita Grima | Ignatius Farrugia | Marisa D'Amato | Kaydem Schembri | Tiffany Farrugia | Joseph D'Amato | Kenneth Farrugia | Kyle Mifsud | Dino Bonnici |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | |
| **02/12/20 Seduta 19** | Time In : 18.00 Time Out : 22.00 | Skużat | Time In : 18.00 Time Out : 22.00 | Time In : 18.00 Time Out : 22.00 | Time In : 18.00 Time Out : 22.00 | Time In : 18.00 Time Out : 22.00 | Time In : 18.00 Time Out : 22.00 | Time In : 18.00 Time Out : 22.00 | Time In : 18.00 Time Out : 22.00 |
| **13/01/21 Seduta 20** | Time In : 18.00 Time Out : 20.30 | Time In : 18.00 Time Out : 20.30 | Time In : 18.00 Time Out : 20.30 | Time In : 18.00 Time Out : 20.30 | Time In : 18.00 Time Out : 20.30 | Time In : 18.00 Time Out : 20.30 | Time In : 18.00 Time Out : 20.30 | Time In : 18.00 Time Out : 20.30 | Time In : 18.00 Time Out : 20.30 |
| **24/02/21 Seduta 21** | Time In : 18.00 Time Out : 20.55 | Skuzat | Skużata | Time In : 19.00 Time Out : 20.55 | Time In : 18.00 Time Out : 20.55 | Time In : 18.00 Time Out : 20.55 | Time In : 18.00 Time Out : 20.55 | Time In : 18.00 Time Out : 20.55 | Time In : 18.00 Time Out : 20.55 |
| **17/03/21 Seduta 22** | Time In : 18.00 Time Out : 19.10 | Time In : 18.00 Time Out : 19.10 | Time In : 18.00 Time Out : 19.10 | Time In : 18.35 Time Out : 19.10 | Time In : 18.00 Time Out : 19.10 | Time In : 18.00 Time Out : 19.10 | Time In : 18.00 Time Out : 19.10 | Time In : 18.00 Time Out : 19.10 | Time In : 18.00 Time Out : 19.10 |

### 3.1 Il-Hidma tal-Kunsill

Il-Kunsill kien impenjat f'dawn ix-xogħlijiet :

Minħabba l-problema tal-pandemija tal-Covid 19, li sa issa għalqet sena magħna, għalkemm il-kunsill ħa il-prekawzjonijiet kollha fejn tidħol is-saħħa tal-ħaddiema u n-nies li jidħlu fl-uffiċċju biex jinqdew, il-Kunsill għamel li setgħa biex inaqqas il-volum ta' nies milli jiġu fl-uffiċċju. Saret aplikazzjoni online biex tintuża minn min ikun irid jordna permess ta' crane, makkinarju jew skip, fejn ikun jista ukoll iħallas online u jintbagħtulu d-dokumenti meħtieġa. Il-ħaddiema bdew jaħdmu b'sistema ta' shift bejniethom fejn fl-uffiċċju dejjem ikunu preżenti żewġ impjegati u żewġ impjegati oħra jaħdmu mid-dar.

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi, sinjali u marki tat-traffiku u ġodda u playing equipment.
- Saru bankini ġodda fejn kien hemm il-ħtieġa.
- Tindif ta' toroq urbani u qtugħ ta' ħaxix ħażin fit-toroq mhux urbani.
- Il-Kunsill ma ħarigx tender għal xogħol ta' tindif tat-toroq mhux urbani għax l-istess xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-IPSL u mill-ħaddiema tad-direttorat tal-indafa pubblika. B'hekk il-Kunsill franka diversi flus u dawn intnefqu f'affarijiet oħra.
- Inħasslu ż-żuntier tal-Knisja u xi toroq fil-madwar waqt il-granet tal-festi tar-Raħal. Tnaddfu ukoll toroq mhux urbani, bl-għajnuna tal-Cleansing Department, immexxija mid-Direttur Ramon Deguara.
- Twaħħlu dog bins fejnkien hemm il-ħtieġa u f'postijiet fejn ma jdejqux lir-residenti.
- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.
- Fuq direzzjoni mid-Dipartiment tas-Saħħa attivitajiet kulturali ma saru xejn minħabba l-Covid 19.
- Tlesta ix-xogħol fuq grawnd żgħir fil-ġnien tal-ġibjun
- Sar tqassim tal-boroż għall-ġbir tal-iskart reċiklat bl-għajnuna tal-Green Pak fost il-ġbir speċjali għall-ħġieġ.
- Tkompliet il-kampanja ta' ġbir ta' tappijiet tal-plastik, batteriji u oġġetti elettroniċi żgħar.
- Sar xogħol temporanju fi Triq is-Sienja biex ir-residenti jkollhom aċċess aħjar għar-residenza tagħhom, qabel it-triq issir bit-tarmak.
- Il-Kunsill kompla bil-paġna tiegħu tal-face book biex jagħti aktari nformazzjoni lir-residenti.
- Il-Kunsill kompla bil-paġna fuq face book 'Yousafezurrieq' fejn tnediet minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19.
- Il-Kunsill kompla jħallas għas-servizzi ta' vet għall-qtates abbandunati.
- L-applikazzjoni tal-cat Café intlaqgħet u fi żmien qasir ser jinbeda x-xogħol.

- Sar tindif tal-culverts kollha fiż-Żurrieq.

- Bdiet il-ħidma biex jinħareġ l-ewwel kunsill news tas-sena.

- Kull xahar qed jiġi t-trakk Sort it out, biex ir-residenti jġibu materjal għar-riċiklaġġ fih.

- Saru slaleb imwaħħlin ma' kull arblu fi Triq P P Saydon fil-ġimgħat tar-randan.
- Tħawlu diversi siġar endemiċi fosthom 500 waħda f'Wied Fuija, fejn dawn qed jiġu msaqqa ta' spiss.

- Bl-għajnuna ta' Parks Malta reġgħu tħawlu siġar fil-pots ta' Triq Wied iż-Żurrieq, tul il-promanade kollu. Dawn qed jissaqqew mill-kuntrattur tal-Kunsill.
- Sar manutenzzjoni tal-bieb tal-kappella ta' Sant Andrija waqt li qed isir ix-xogħol tal-madwar permess tal-fondi tal-UE.
- Saru attivitajiet ta' għoti ta' demm fejn ipparteċipaw numru sostanzjali.

## 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjonital-Kunsill hi magħmulahek:




Għalkemm din l-istrutturatippermetti li l-Kunsilljaħdem bi prattiċital-ħidmatiegħu, iridikunrikonoxxut li din għandhassirbl-aħjar modbejn l-istrutturaorganizzativafis-setturprivat u dikfis-setturpubbliku. Ir-rwoli ta' dawkinvolutigħandudejjemikundefinit u miftiehem, fejnil-Kunsillieribħala*policy makers*jmexxu l-pjan ta' ħidmatagħhom, filwaqt li l-amministratturijesegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globali ta tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirate minn rieda ta' ħidmakollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaqminnkullmembru li jinsabfiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaqu biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kostpossibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi*feedback*kontinw u f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

## 3.4 Konklużjoni

Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, permezz tal-ħidmam wettqa matul dawn l-ewwel xhur ta' din id-disa' leġislatura, ser ikun qed iħalli impatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti.

In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli investi mentrejali u tanġibbli. L-indafa, l-manutenzjoni tat-toroqu l-manutenzjoni tal-postijiet ta' rikreazzjoni, biex ikunu aktar siguri għat-tfal li jużawhom, għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill.

Josianne Cilia Mumford
**SegretarjuEżekuttiv**
April, 2021